Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Ottubru 2025

Ħarġa Nru 51



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin2024@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

L-altar fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità tal-Madonna tar-Rużarju

Ritratt: Owen Caruana

Għeżież Membri u Ħbieb,

Erġajna qed niltaqgħu wara x-xhur tas-Sajf, wara waqfien bżonnjuż għal kulħadd, speċjalment minħabba s-sħana tremenda li għaddejna minnha. Is-sena l-oħra kienet sena ppakkjata bl-attivitajiet u ħarġiet, li ntlaqgħu tajjeb ferm magħkom il-membri li attendejtu bi ħġarkom.

Matul is-sajf il-kumitat xorta waħda baqa' jiltaqgħa u diġa ħejja programm sa Jannar 2026 filwaqt li għax-xhur ta wara, għalkemm ippjanajna fejn immorru għad fadlilna niffinalizzaw x'uħud minnhom. Għanda tkun sena oħra interessanti.

Barra miż-żjarat ta' kull xahar, hemm il-ħsieb li nistgħu noffru xi żjarat f'xi postijiet oħra, mhux knejjes jew kappelli, imma jkunu matul il-ġimgħa. Dwar dawn natgħukom informazzjoni meta jkun il-waqt.

Matul is-sajf il-Kumitat, permezz tal-Membru Owen Caruana, ħadem biex ġabar lista ta' festi li jinżammu fis-sajf fi knejjes żgħar li jorganizzaw barra l-quddiesa, purċissjoni u festin quddiem il-knisja / kappella. Bi ħsiebna li ngħażlu xi festi minn dawn fis-sajf 2026 biex norganizzaw ħarġiet organizzati mill-Għaqda. Imma b'dawn l-ativitajiet ninfurmawkom bihom qabel l-aħħar attivita ta' Ġunju 2026.

Ma dan il-fuljett qed issibu wkoll ċ-ċirkolari bl-informazzjoni taż-żjara li se nibdew biha din is-sena.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

Għall-Kumitat



Membri tal-Għaqda fl-Oratorju tal-Arċikonfraternità tal-Madonna tar-Rużarju

# Fratellanzi u l-Oratorji

Fil-bosti żjarat li nagħmlu f'Malta nisimgħu kemm il-darba dwar il-Fratellanzi, u saħansitra dħalna bosta drabi fl-Orotorji li bnew, bħal ma għamilna f'Ġunju meta żorna l-Orotorji tar-Ružarju u tas-Ss Sagrament fil-knisja ta' Porto Salvo fil-Belt. Imma x'kienu dawn il-Fratellanzi? Għalfejn bnew l-Orotorji? F'dan l-artiklu se naraw fil-qosor kif bdew dawn il-Fratellanzi, li wieħed għadu jsibhom f'ħafna knejjes imxerdin f'Malta kif ukoll informazzjoni dwar x'kien xogħolhom u informazzjoni oħra relatata magħhom.




Il-bidu tal-fratellanzi u għaqdiet simili jmur lura lejn is-seklu 13 meta persuni fil-parroċċi bdew jiltaqgħu sabiex jitolbu flimkien u jagħmlu l-karitá, li kienet tkopri mit-twelid sal-mewt, id-dfin u talb għal ruħ il-parruċċani. Dawn bdew fil-parroċċi u sabu l-għajnuna tal-kleru. Maż-żminijiet fil-medjuwevu fl-Ewropa dawn l-għaqdiet reliġjużi bdew jinbidlu f'għaqdiet ta' snajja u professjonijiet (*Trades* jew *Guilds*), u kull għaqda kienet tkun ddedikata lil xi qaddies partikolari. Dawk li oriġinaw fi Spanja bdew il-purċissjonijiet fil-Ġimgħa Mqaddsa, kif għadhom sal-lum, u li minnhom f'Malta ħadna l-użanza. Kull fratellanza bdiet tkun marbuta bi statut, u għal bidu kien ikollhom l-altar tagħhom fil-knisja parrokkjali. Fis-seklu 16, l-Ordnijiet Reliġjużi Franġiskani, Ġiżwiti, Karmelitani u oħrajn kien ikollhom diversi Fratellanzi fil-parroċċi tagħhom.

Hekk kif dawn il-patrijiet ġew Malta u bnew il-knejjes u l-kunventi tagħhom, ma setgħax jonqos li assistew biex jinħolqu l-Fratellanzi. Għakemm kien ikollhom l-altar tagħhom fil-knejjes, l-Fratellanzi evolvew billi bdew jibnu post għalihom, ġeneralment biswit il-knisja stess, li ssejjħu Orotorji. L-ewwel Fratellanzi f'Malta kienu dik ta' San Ġużepp fir Rabat fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri fl-1345, u dik tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, magħrufa bħala taċ-Ċerawola' jew tal-'Kandlora' fil-kappella ta' Sant Anġlu fil-Birgu fl-1445. L-Isqof Cubelles waqqaf Fratellanza tal-Madonna ġewwa Ħ'Attard fl-istess żmien. Fiż-żjara tiegħu f'Malta, Mons Dusina waqqaf il-Fratellanza

tas-SS Sagrament f'diversi parroċċi. Fir- Rabat Dusina sab li kien hemm dik ta' San Ġużepp u oħra ta' San Mark. Matul is-sekli 17 u 18 bosta Fratellanzi ġew imwaqqfa madwar Malta. Fratellanza partikolari kienet dik tal-Agunija li ħadmet ferm fi żmien xi epidemija. Dawn il-fratelli kienu jieħdu ħsieb id-dfin u ċ-ċimitetrji tal-infettati. Il-padruni tagħhom kienu Santu Rokku u San Bastjan. Fratellanza oħra kienet dik tal-Erwieħ li kull sena kienu jagħmlu l-uffiċjatura tal-Mejtin li kienet issir jew fl-Orotorju tagħhom stess jew fil-Parroċċa. Dawn kienu jarmaw **tubru**, **b'faldrappa** rrakkmata bid-deheb fil-ġnub, **bankun** bix-xema' u **gandlieri** tal-ħadid miżbugħa suwed bit-**torċi** fuqhom, u magħhom kienet tiddendel l-emblema tal-fratellanza jew **xbiha ta' ras ta' mewt**. Dawn inqatgħu wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni.



Fratelli tar-Rużarjani tal-Belt 1964

Fil-Fratellanzi kienu jissieħbu (***jipprofessaw***) kemm irġiel (***fratelli***) u kemm nisa (***konsorelli***). Kellhom kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet. Drittijiet kienu bħal li l-fratellanza kienet tagħmel bi spejjeż tagħha stess il-funerali tal-fratelli u li jindifnu fiz-zuntier tal-fratellanza. Dawk imsebbħin fil-fratellanza tal-karità kellhom l-obbligu li jgħinu lin-nies fil-bżonn, kemm finanzjarjament kif ukoll materjalment. Dawk il-fratelli tas-SS Sagrament kienu jgħinu fit-twassil tal-sagrament tat-tqarbin lil kull min jeħtieġu: anzjani, morda, moribondi. Illum dan ix-xogħol jissejjaħ fil-knisja bħala Djakonija. Għal dawk li jkunu wasslu fl-aħħar nifs ta' ħajjiethom, kienu jorganizzaw il-**vjatku**, anke bil-lejl billi b'mod proċessjonali kienu jakkumpanjaw lil qassis u l-abbatini. Il-purċissjoni kienet tieħu forma ta' purċissjoni normali, bl-ewwel fratell iżomm l-<u>istandard</u> (***gonfalone***), ieħor is-<u>salib</u>, imbagħad il-<u>fanali u torċi / xemgħat</u>, l-abbati bil-<u>qampiena</u>, erbgħa fratelli iżommu l-<u>baldakkin</u> fuq il-qassis, u l-aħħar wieħed iżomm l-<u>umbrella</u>.

L-ilbies tal-fratelli lkien jikkonsisti b'libsa bajda (**konfratija**), kuruna tar-rużarju / qafla / ċintorin (**ċinglu)** imħażżen ma qaddhom, kappa qasira (**muzzetta**), li l-kulur tagħha ivarja skont ma jkun ħareġ id-digriet tat-twaqqif tal-fratellanza maħruġ mill-Kurja, wiċċhom mgħotti bil-barnuża (**kapoċċ)**, b'żewġ toqgħob għal għajnejh biex jaraw. Ir-**Rettur** (jew il-Prefett) kien ikollu f'idu s-**surġentina** filwaqt li jkollu **medaljun** imdendel fuq sidru.  Fil-festi tal-parroċċa, dawn il-fratellli kienu (u għadhom) jkunu quddiem fil-bidu tal-purċissjoni.  Il-fratelli tar-Rużarju tal-knisja ta' Porto Salvo tal-Belt kienu l-unika li kienu jilbsu kappell fuq il-barnuża .

Maż-żmien meta twaqqfu ħassew il-bżonn li jkollhom il-post tagħhom sabiex jagħmlu l-laqgħat amministrattivi tagħhom kif ukoll biex iservihom fejn jitolbu. Hekk li bi flushom bnew diversi binjiet imsejħa **OROTORJI**, li f'Malta għad għandna ħafna minnhom fi stat tajjeb ferm u miżmumin kif jixraq. Hemm ftit li sfortunatament iservu bħala mħażen għal armar tal-festa. Fil-Belt Valletta insibu bosta Orotorji, speċjalment dak tal-Katidral ta' San Ġwann, ta' San Pawl (tal-Karità), Tal- Karmnu (Karmnu), ta' San Franġisk (Kunċizzjoni), ta' Porto Salvo (Ss Sagrament u tar-Rużarju), tal-Ġiżwiti (tal-Onorati u tal-Kunċizzjoni), u ta' Ġieżu (tal-Kurċifiss) Fil-Kottonera insibu fil-Birgu (tal-Kurċifiss u ta' San Ġużepp), f'Borma (SS Kurċifiss), Isla (tal-Kurċifiss). Fir-Rabat hemm l-Orotorju ta' San Ġużepp mal-knisja ta' Ġieżu.

Il-fratellanzi kellhom il-karattru partikolari tagħhom ta' għaqdiet ta' nies ta' snajja jew professjonisti. Il-fratellanzi kienu iddedikati lil xi qaddies marbut mas-sena jew professjoni tagħhom. Kull fratellanza meta titwaqqaf kien ikollha l-istatut li kien jorbot lil fratelli bl-obbligi. Dan l-istatut kien l-ewwel jingħata lil kappillan tal-post, li jgħaddih lil Kurja, u wara li jeżaminawh, jgħaddi minn skrutinju ieħor qabel jintbagħat għal approvazzjoni tal-Isqof. Kull tibdil kien ikun irid dejjem l-approvazzjni tal-Isqof. Il-laqgħat kienu jissejħu mir-Rettur, bis-segretarju jżomm il-minuti. It-talb kien jitmexxa mid-Direttur Spiritwali, jew il-Kappillan jew xi delegat tiegħu. Fortunatament kull fratellanza kienet iżżomm il-minuti u l-korrispondenza fl-arkivji, u llum dawn huma sors imprezzabbli tal-istorja rikka tagħhom. Id-dokumenti dejjem kienu jitressqu għand il-Kurja għand il-Kanċillier sabiex ikunu eżaminati u fl-aħħar jingħataw il-*Quittanza* (id-digriet tal-Isqof għal korrettezza tagħhom).

Naraw ftit lista tal-fratellanzi li kien hawn, li uħud minnhom għadhom jiffunzjonaw f'Malta sal-lum u f'bosta rħula :

**<u>Fratellanza ta' San Ġużepp</u>:** *muzzetta blu* tal-mastrudaxxi . X'aktarx li l-ewwel fratellanza ġiet imwaqqfa fl-1103 fil-Birgu. Imma zgur li kienet tezisti fl-1345 fir-Rabat, li għada attiva sal-lum.


Fratellanza San Ġuzepp, Kalkara

**<u>Fratellanza tal-Lunzjata</u>:** magħrufa bħala tal-Kandlora. Imwaqqfa fl-1441 fil-Birgu fil-kappella ta' Sant'Anglu imbaghad ġew trasferiti għand id-Dumnikani.

**<u>Fratellanza tas-SS Sagrament</u>:** *muzzetta ħamra* - imwaqqfa min Mons Dusina fl-1575 fil-knejjes kollha ta' Malta. Din il-Fratellanza titqies fil-prijorità bħala l-ewwel Fratellanza minħabba li l-Ewkaristija tieħu preċedenza fuq kulħadd.

Kellhom id-dmir li jorganizzaw il-festa ta' Corpus Christi. Il-fratellanza tal-Belt (ta' San Duminku) għadhom jorganizzaw il-mejda ta' l-Aħħar Ċena ta' Ġesu mal-Appostli.



Fratellanza tar-Rużarju, Gudja

**Fratellanza tar-Rużarju:** *muzzetta bajda* – din il-fratellanza tiġi wara dik tas-SS Sagrament fil-prijorita tal-fratellanzi. Maċ-ċinglu jilbsu kuruna tar-rużarju, u għadhom jorganizzaw il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Wara r-rebħa tal-Battalja ta' Lepanto, id-Dumnikani xerrdu din il-devozzjoni tar-Rużarju madwar l-Ewropa, u ma naqasx li f'Malta tidħol ukoll. L-Isqof Tommaso Gargallo waqqaf dawn il-fratellanzi fil parroċċi kollha fl-1588. F'kull knisja waqqfu artal ddedikat lil Madonna tar-Rużarju li kien ikun mdawwar bil-pitturi tal-15 il-posta tar-Rużarju. Dawk tal-Belt tal-Knisja ta' Porto Salvo, il-Fratelli u Sorelle, kienu jissejħu r-Rużarjani u kien ikunu nies distingwi, għonja u professjonisti. Fuq il-barnuża kienu jilbsu kappell (***Trespicos***). Kienu jagħmlu ħafna ġid u kienu jakkunpanjaw lil dawk li jkunu se jieħdu l-forka sa l-aħħar nifs ta' ħajjiethom u anke jgħinu lil familjari wara l-mewt.

**Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu** : L-ilbies tagħhom ivarja skont il-post - kienu l-Karmelitani li stabilixxew din il-Fratellanza fis-seklu 17. Din twaqqfet mill-Karmelitani tal-Mdina fl-1664. Din il-Fratellanza għada attiva ferm fil-Belt Valletta.



Fratellanza Madonna tal-Karmnu, Valletta

**Fratellanza tal-Madonna tal-Konsolazzjoni** – *muzzetta sewda* - imwaqqfa mill-Agostijani tal-Belt fl-1612 u tferrxet ma Malta kollha. Barra li kienu jilbsu l-muzzetta sewda, kienu jilbsu ċ-ċinturin iswed.

**Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina** : jilbsu, barra l-konfratija bajda, ċinglu blu u l-midalja tal-Madonna tad-Duttrina. Bosta kienu dawk il-Fratellanzi li ġew imwaqqfa fis-seklu 18 bl-iskopp li jxerrdu t-tagħlim Kattoliku, imma dawn maż-żmien ħaditilhom posthom l-għaqda tal-MUSEUM imwaqqfa minn San Ġorġ Preca. Imma dik ta' Ħal Tarxien għada teżisti.



Fratellanza tal-Madonna Immakulata tal-Imqabba

**<u>Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni</u>** : *muzzetta celesti* – kienu l-Franġiskani li bdew din il-Fratellanza għax l-akbar promotur tal-Immakulata Kunċizzjoni kien propju t-Teologu Franġiskan John Duns Skotus. Maż-żmien din bdiet tissejjaħ "tas-Sokkors". L-ewwel Fratellanza , dik f' Bormla, hija datata fl-1581.

**<u>Fratellanza tal-Madonna tal-Karità</u> :** *ma jilbsux muzzetta*, imma ċinglu aħmar. Jilbsu l-barnuża imma ma jagħttux wiċċhom - l-ewwel Fratellanza kienet fil-Birgu, imwaqqfa fl-1580. Kienu jagħtu l-ħobż lil fqar, jgħinu finanzjarjament lil xebbiet bid-dota biex jiżżewġu, jidfnu lil mejtin u kienu joħorġu l-flus biex jiġu liberati l-ilsiera Maltin. Dik tal-Belt, imwaqqfa fl-1610, għada teżisti sal-lum fil-Parroċċa ta' San Pawl.


Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura Ħal-Luqa

**<u>Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura</u>**: il-Madonna kienet dehret lil Santa Monika u tagħta ċinturin iswed tal-ġilda, li minn naħa tagħha Santa Monkia għaddietu lil binha Wistin li biddel ħajtu u sar wieħed mill-pilastri tal-Knisja Kattolika. Din il-fratellanza ġiet integrata ma' dik tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Konsolazzjoni permezz ta' ordni tal-Papa f'Marzu 1575.

**<u>Fratellanzat tal-Agunija/ Erwieħ Mqaddsa</u>:** damet tiffunzjona mis-16 sas-17-il seklu.Maż-żmien ngħaqdu jew mal-Fratellanza tal-Kurċifiss jew ma dik tad-Duluri. L-ewwel fratellanza tal-Agunija kienet f'Ħaż-Żebbug fl-1640.

**<u>Fratellanza tad-Duluri</u> :** *muzzetta vjola* **–** din il-Fratellanza bdiet bħala tal-Agunija. Il-kult beda mas-seklu 13 fl-Ewropa, imma din il-Fratellanza kif hi llum ġiet imwaqqfa mill-Papa Innocent X fl-1645. L-ewwel Fratellanzi kienet fil-Belt u fiż-Żurrieq fl-1646.

**Fratellanza tas-SS Kurċifiss:** *muzzetta sewda* - L-ilbies jinbidel skont il-post – bdiet ukoll mill-Fratellanza tal-Agunija. L-ewwel waħda kienet dik ta' Bormla fl-1674. Dik tal-Belt tinsab fil-Knisja ta' Ġieżu. Jieħdu ħsieb il-festi tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira.

**Fratellanza ta' San Luqa :** tal- artisti / pitturi – imwaqqfa fl-1671 f'Ta Ġieżu l-Belt

**Fratellanza ta' San Omobono :** *muzzetta blu skur* – tal-ħajjata u bejjiegħa tal-ħwejjeġ. Imwaqqfa fl-1611.

**Fratellanza ta' San Krispin u San Krispijanu** : ma jilbsux muzzetta – tal-iskrapan / dawk li jaħdmu ż-żraben. Imwaqqfa fl-1804.

**Fratellanza ta' San Mark** - dawk li kienu jraqqgħu ż-żraben iżda mhux jaħdmuhom (***cobblers).***

**Fratellanza ta' San Gosma u San Damjan :** tat-tobba – imwaqqfa f'San Franġisk il-Belt fl-1635.

**Fratellanza ta' Sant Ivo** : tal-avukati. Fil-preżent il-Kamra tal-Avukati għada tiċċelebra l-festa tal-padrun tagħhom fis-17 ta' Dicembru b'quddiesa u *social*.

**Fratellanza ta' Sant' Eligju:** tal-ħaddieda u ta' dawk tal-fonderija. Imwaqqfa 1600.

**Fratellanza ta' Santa Katerina:** *muzzetta ħamra* – tal-kurdara (li kienu jaħdmu l-ħbula għal bastimenti). Imwaqqfa fl-1643, għada tiffunzjona. Ikollhom ir-rota ta' Santa Katarina mwaħħla mal-muzzetta.

**Fratellanza ta' Sant' Agata:** ma jilbsux muzzetta – nissieġa (*weavers*). Imwaqqfa fl-1804.

**Fratellanza ta' San Mikiel:** ma jilbsux muzzetta – tal-bejjieha tal-ħaxix. imwaqqfa 1695.

**Fratellanza ta' San Martin:** tal-ħwienet tax-xorb. Ma kienux jilbsu ilbies. Imwaqqfa fl-1620.

**Fratellanza ta' Santa Elena:** tal-ħaddiema tad-deheb u fidda. Imwaqqfa bejn 1607 u 1611, maż-żmien inqaqdet mal-Fratellanza tal-Karità.

**Fratellanza San Andrija:** *muzzetta ħamra* – tas-sajjieda. imwaqqfa fl-1811. Għada teżisti f'Birkirkara. Ikollhom l-emblema tas-salib ta' Sant' Andrija mwaħħla mal-muzzetta.

**Fratellanza San Dimitri:** qlafat (***chaulers) –*** imwaqqfa f'Bormla fl-1616.

**Fratellanza ta' San Kristofru:** tal- piloti tal-bastimenti – imwaqqfa 1634 f'Sant Wistin il-Belt.

**Fratellanza ta' San Elija:** tal-qaddiefa tad-dgħajjes – imwaqqfa fl-1812 f'tal-Karmnu, Bormla.

**Fratellanza ta' San Luiġi** : tal-barbiera – imwaqqfa f'Ta' Gieżu l-Belt fl-1787.

**Fratellanzat tal-Anġlu Kustodju**: ma jilbsux muzzetta imma midalja tal-Anġlu Kustodju- imwaqqfa fl-1748 mill-Patrijiet karmelitani tal-Belt.

**Fratellanza ta' San Mikiel**: *muzzetta ħadra* – tan-negozjanti u tal-ħwienet. Dawk tar-rabat u Ħal Qormi ġew imwaqqfa fl-1739.

**Fratellanza ta' Santu Rokku** : *muzzetta ħadra* – imwaqqfa fil-Belt fl-1592 u fil-Birgu fl-1598. Huma marbutin mal-epidemija tal-pesta.

**Fratellanza ta' Kristu Rxoxt:** imwaqqfda fl-1659 fil-Belt, għada teżisti u torganizza l-festa tal-iRxoxt.

**Fratellanza ta' San Ġwann l-Evanġelista:** imwaqqfa fil-Birgu fl-1739

**Fratellanza tal-Bambin Ġesu**: imwaqqfa fil-Birgu fl-1731.

**Fratellanza tal-Via Crucis**: *muzzetta sewda b'salib tad-deheb meħjut magħha u barnuża ħamra* - imwaqqfa fl-1876 għal baħħara.



Fratellanza San Mikiel, iż-Żejtun



Fratellanza Sant' Anna, Wied il-Ghajn

**Fratellanza ta' Sant ` Anna** : imwaqqafa fl-Ħal Għaxaq fl-1669.

**Fratellanza tas-SS Trinita:** *muzzetta bajda* b'salib ta' Malta bil kuluri blu u aħmar – imwaqqfa fl-Isla fl-1625.

Illum il-Fratellanzi naqsu ferm u tista tgħid li xogħolhom huwa li jorganizzaw u jieħdu sehem fil-festi u l-purċissjonijiet. Il-Kurja fl-2007, wara studju mis-Segretarjat tal-Lajċi, stabbilit uniformità fit-tmexxija u xandret statut bażiku għall-fratellanzi. Fis-sena 2020 il-Konfraternitajiet Ewropew organizzaw konferenza f'Malta fejn fratellanzi Malti pparteċipaw u taw xhieda tar-rwol attiv li għahom jieħdu f'dawn iż-żmienijiet.

L-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija biss ġabra qasira ta notamenti. Jista jkun li kien hemm aktar fratellanzi u għad hawn oħrajn li ma semmejthomx. Imma għal minn irid jaqra aktar fid-dettal dwar il-Fratellanzi nissuġġerilkom li taqraw, fost oħrajn:-

Artiklu: Confratenities and festas, *Dr Mark Agius*

Ktieb: Il-Fratellanzi, *Guido Lanfranco*

Ktieb: Fratellanzi u Xirkiet tas-Snajja, *Karmenu Ellul Galea*

Fuq l-internet: Tagħrif dwar xi Fratellanzi li kellna f'dawn il-Gżejjer, [https://www.ilmiklem.com/category/mill-imnara/](https://www.ilmiklem.com/category/mill-imnara/)

*Kitba: N Gingell*

*Informazzjoni miġbura minn diversi sorsi msemmija hawn fuq*

# L-Oratorju tal-Arċikonfraternità tal-Madonna tar-Rużarju

## Fil-Bażilika Minuri tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta



Pers quddiem tal-artal ewlieni

L-Arċikonfraternità tal-Madonna tar-Rużarju twaqqfet fl-istess sena ma dik tal-Fratellanza tas-SS Sagrament. F'kuntratt mal-Patrijiet Dumnikani, din il-Fratellanza, magħrufa bħala r-Rużarjani, kienet marbgħuta li jibnu żewġ kappelli f'ġieħ il-Madonna tar-Rużarju. Dawn il-fratelli, barra li kienu jiltaqgħu biex jgħidu r-rużarju, kellhom id-dmir li jassistu lil dawk l-ikkundannati għal mewt sa l-aħħar ta' ħajjithom.

Għalkemm dawn ir-Rużarjani kienu waqqfu Orotorju qrib il-knisja ta' Porto Salvo tad-Dumnikani, erbà snin wara l-Patrijiet riedu dan is-sit sabiex jibnu l-kunvent tagħhom. Dawn il-fratelli ma kellhomx triq oħra ħlief li jitilqgħu, u spiċċaw biex bdew jiltaqgħu fl-Orotorju tal-Katidral ta' San Ġwann.

Iżda fl-1697 reġgħu marrew lura fis-sit oriġinali u wara li żejnuh u rrestawrawh, fetħuħ għal attivitajiet u laqgħat tagħhom. Din il-ġrajja wieħed għadu jista jaqraha fl-iskrizzjoni li hemm fuq il-bieb tal-Orotorju tal-Madonna tar-Rużarju. Biswit ma' dan l-Orotorju hemm ukoll dak tas-SS Sagrament.

Il-fratelli żejnu l-Orotorju b'ħafna kwadri artistiċi kif ukoll bi skultura ta' stil Barokk Spanjol. Sfortunatament f'April tal-1942, waqt wieħed mill-mijiet ta' attakki qliel mill-ajru fuq il-port fit-Tieni Gwerra Dinjija, l-Orotorju ntlaqat u saret ħerba sħieħa, bir-riżultat li ntilfu ħafna artifiċi. Madankollu b'fortuna, anzi mirakolożament, il-kwadru titulari tal-Madonna tar-Rużarju baqà intat u sħiħ. L-artist ta' dan il-kwadru titulari mhux magħruf, imma l-probabbilità hi li mill-istil u kwalità ta' tpinġija, huwa xogħol ta' artist barrani.

Wara li l-ħsarat tal-ġwerra ttranġaw, kwadri li kien fil-parroċċa ta' Porto Salvo ġew impoġġija f'dan l-Orotorju minflok dawk li nqerdu. Fis-sena 2020 tpoġġew erbgħa pitturi ġodda tal-artist braru Għawdxi, Mario Farrugia, li juri episodji mill-ħajja ta' San Duminku.

Ta' interess f'dan l-Orotorju huma ż-żewġ palletti tal-injam li kienu jintużaw mill-fratelli qabel l-eżekuzzjoni tal-ikkundannati. Dawn il-palletti kienu jitressqu mill-fratelli lejn ħalq l-ikkundannati sabiex ibusuhom fl-aħħar mument ta' ħajjithom qabel jinġibed il-ħabel tal-forka. Waħda mill-palletti kien hemm impinġija fuqha il-Madonna tar-Rużarju, waqt li l-oħra turi lil-Madonna taħt is-salib b'Ġesù msallab.



Titular tal-Madonna tar-Rużarju









Kwadri li juru l-ħajja ta' San Duminku

*Kitba ta' N Gingell.*

*Ritratti ta' N Gingell u Owen Caruana*

*Informazzjoni misluta u miġbura minn diversi sorsi.*

# L-Oratorju tas-SSMU. Sagrament

## Fil-Bażilika Minuri tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta




L-Apside u t-titular

Mons. Pietro Dusina waqt il-viżta pastorali li kien għamel f'Malta fl-1575 kien waqqaf ukoll il-fratellanza tas-Sagrament f'Malta, fosthom dik ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu u San Duminku fil-Belt Valletta. Hekk kif twaqfet din il-fratellanza nkitbu fiha 44 raġel u 18-il mara.

Għall-bidu, din il-konfraternità kienet iżomm il-laqgħat tagħha f'sala li kien hemm fil-kunvent, imma meta n-numru tal-fratelli beda jikber inħasset il-ħtieġa li jkollhom oratorju għalihom. Kien fl-1671 li din il-fratellanza bdiet timpenja ruħha biex tibni l-oratorju fuq art li l-patirjiet Dumnikani tawhom. Il-bini tal-Oratorju tlesta sal-1673 imma fl-1694 tkabbar. Id-dħul għal dan l-Oratorju huwa differenti minn oħrajn għaliex jinsab ġewwa l-binja tal-kunvent.

Dan l-Oratorju għandu korsija waħda u artal li t-titular tiegħu juri l-aħħar Ċena li Ġesù għamel mal-Appostli – xogħol ta' Mattia Preti. Preti ma kienx ħadilhom flus lil Patrijiet għal dan il-kwadru. L-iskultura li naraw mal-ħitan ta' dan l-Oratorju kienet iddisinjata minn Duminku Borg u Mikiel Vassallo. L-iskultur Ganmarì Gilbert beda x-xogħol nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 1684 u spiċċa nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar 1686, bl-ispiża ta' 179 skud.



Titular u sotto titular

L-arzella tal-abside hija skolpita fi sfera bl-Ostja mdawwra b'raġġi li jiksu l-arzella kollha s'isfel b'ħafna sħab b'irjus ta' anġli mad-dawra. Taħt it-twieqi, bejn il-pilastri nsibu tmien niċeċ b'dawn l-istatwi: ta' Kristu, San Ġwann il-Battista, San Pietru, San Pawl, San Mark, San Mattew, San Ġwann l-Evanġelista u San Luqa.



Ġesù fid-deżert mogħti l-ikel mill-anġli fl-art. Guzeppi D'Arena



Il-Qawmien ta Lazzru ta' Salvu Barbara



Ħajt tal-ġenb



Ħajt tal-ġenb



Il-gallarija fuq wara

Il-pittura tas-saqaf li tirrraprezenta t-'Trinjonf tal-Ewkaristija' hi xogħol ta' Alessio Erardi filwaqt li Cristoforo De Lucca ħa ħsieb id-dekorazzjoni ta' madwar il-pittura. Erba' pitturi oħra jinsabu fil-ġnub ta' dan l-oratorju: wieħed juri lil Ġesù miexi fuq l-ilma, ieħor juri lil Ġesù fid-deżert moqdi mill-anġli wara l-erbgħin jum sawm - dawn huma ta' Ġużeppi D'Arena; filwaqt li żewġ kwadri l-oħra – wieħed juri lil Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani u l-ieħor jfakkar il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt huma xogħol ta' Salvu Barbara.



Sotto-kwadru tat-titular il-Madonna tar-Ružarju

Dan l-oratorju hu mogħni b'għadd ta' oġġetti oħra artistiċi u prezzjużi. Fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira tintrama l-mejda tal-Appostli. Din id-drawwa tal-mejda tal-Appostli ilha tintrema mis-sena 1785 u għada tintrema kull sena sa dawn iż-żmienijiet. Bosta nies jidħlu l-Belt f'dawk il-ġranet biex iżuruha u jarawha, speċjalment dawk li jkunu qed jagħmlu s-sebà visti.

*Kitba: Louis Fenech*

*Informazzjoni misluta u miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*